KUNSILL LOKALI NADUR

# Minuti tas-sitta u għoxrin (26) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur
## It-Tnejn, 21 ta' Novembru, 2016, fil-5.15pm

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| | |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Brittany Attard | Ambaxxatriċi taż-Żagħżagħ |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |

**Talba:** Il-laqgħa bdiet b'talba.

1. **Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li Josianne Cutajar talbet li tiġi skużata mil-laqgħa peress li tinsab ma tiflaħx. Il-Kunsill approva din it-talba.

2. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-minuti tal-ħamsa u għoxrin laqgħa, tat-Tnejn, 17 ta' Ottubru, tat-tmien (8) Kunsill Lokali ġew ikkoreġuti, approvati, ffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

3. **Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mil-Kunsilliera.**

- ***Manutenzjoni ta' Ġnien il-Kunsill*** – Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li s-Segretarja kkorrispondiet mad-Dipartiment dwar dan it-tender, u għadna qed nistennew risposta definittiva dwar jekk il-manutenzjoni tal-latrina pubblika għandhiex tidħol mal-istess tender. Għaldaqstant għalissa is-Sur Joseph Cauchi ser jibqa' jieħu ħsieb dan il-ġnien u l-latrina b'direct order.
- ***Triq li tieħu għal-Bajja ta' San Blas*** – Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li huwa stess kiteb lid-Dipartiment dwar il-ħsarat fin-naħa ta' isfel tat-triq tal-Bajja u konna nfurmati li d-Dipartiment ser jikteb lil Ministeru għal Għawdex sabiex iwettaq dan ix-xogħol kif rikjest mil-liġi.

- ***Offerta Pubblika dwar 'Planters' tal-Pjazza*** – Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li qed nistennew li jintefgħu l-offerti u wara mbagħad jiltaqa' l-Kumitat ta' Evalwazzjoni, sabiex din imbagħad tiġi diskussa fil-laqgħa ta' Diċembru. Is-Sindku rringrazzja lil Viċi-Sindku tax-xogħol li qed iwettaq marbut ma' dan il-Kumitat.

- ***Tilqima tal-Influwenza*** – Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li s-Sinjura Francesca Mercieca għamlet dan ix-xogħol b'mod tajjeb ħafna u anke kellna kummenti posittivi minn dawk li rċevew it-tilqima. Hija wkoll marret fid-djar ta' dawk 'bed ridden'. Is-Sindku talab li din tirċievi kumpens minimu ta' ħamsin ewro għal dan is-servizz. Il-Kunsill qabel.

- ***Zafferana Etnea f'Ottubru 2016*** – Is-Sindku spjega kif din il-mawra f'dawn l-inħawi kienet suċċess, u apprezza li l-Kunsill Lokali kollu kien preżenti. Jidher li n-nies kollha ħadu gost u hemm ħafna li qed jitolbu li terġa ssir xi ħaga simili.

- ***Bozza Sqaq San Ġakbu*** – Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kif kien mitlub fl-aħħar laqgħa, issa għandna f'idejna kwotazzjoni għal sistema solari, mingħand Econetique, li titla għal prezz ta' €915, li huwa ferm inqas mix-xogħol jekk issir trinka fl-isqaq. Is-Sindku ġie mitlub jistaqsi dwar il-garanzija u jinforma lil Kunsilliera b'dan. Il-Kunsilliera qablu li mmexxu b'din is-sistema u tiġi nstallata.

- ***Dawl tal-Bozoz fi Triq ta' Said u Triq il-Knisja*** – Is-Sindku nforma li sar rapport sabiex dawn iż-żewġ bozoz jigu mibdula flimkien.

## 4. Korrispondenza:

(5647) Ċirkulari Numru 31/2016 – Inizjattiva ta' Taħriġ dwar l-Ordnijiet Permanenti (taħriġ għas-Segretarji Eżekuttivi).

(5648) Email mid-DLG – Launching of the Consultative Process of the Crime Prevention Strategy for the Maltese Islands 2017-2021.

(5649) Email mid-DLG – Ċelebrazzjonijiet Jum Għawdex 2016 nhar il-Hadd 30 t'Ottubru 2016.

(5650) Ittra mill-Moviment Kerygma dwar il-Premju Zgħażugħ tas-Sena 2016.

(5651) Ċirkulari minn LCA 55/2016 – Twinning Request ma' Comune di Maruggio.

(5652) PQ 28068 dwar live streaming għal-laqgħat tal-Kunsilli Lokali.

(5653) Ċirkulari Numru 34/2016 – Proċedura tal-Bye Laws u ċ-Checklist.

(5654) Ċirkulari minn LCA 56/2016 – U.S. Elections – Presentation by U.S. Ambassador.

(5655) Ċirkulari Numru 33/2016 – Assigurazzjoni tal-Assi (dwar x'tip ta' assi fissi għandhom jiġu assigurati).

(5656) Ċirkulari Numru 32/2016 – Petty Cash (dwar kif jiġu ttrattati transazzjonijiet).

(5657) Email mid-DLG – Sejħa ta' Nteress fost il-Kunsilli Lokali biex jospitaw Għaqal id-Dar 2017 sa mhux aktar tard mill-11 ta' Novembru, 2016.

- Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li flimkien mas-Segretarja ltaqgħu ma' persuna responsabbli minn dan u li nfurmajnihom bl-interess tagħna. Ser niġu kkuntatjati dwar dan fix-xhur li ġejjin.

(5658) Emails ma' GreenMT dwar l-Iskips ta' San Blas u l-bżonn li dawn jiġu rilokati ħdejn areas residenzjali.

(5659) Ċirkulari Numru 35/2016 – Inizzjattiva Finanzjarja – Stronger Communities: Literacy Projects at Local Level.

(5660) PQ 28135 dwar sistemi tal-pannelli fotovoltajiċi fil-Kunsilli Lokali.

(5661) Ċirkulari minn LCA 58/2016 – Konsultazzjoni dwar id-dokument "Prevenzjoni tal-Kriminalita – Harsien Aħjar għall-Komunita."

(5662) Ittra mill-Parroċċa tan-Nadur dwar l-inawgurazzjoni tal-Kappella taċ-Ċimiterju nhar l-4 ta' Novembru 2016.

(5663) Ittra mill-organizzaturi tal-Presepju Suq u Mexxi jitolbu 'no objection' għal avveniment.

(5664) Ċirkulari Numru 36/2016 – Templates tal-Aġenda u l-Minuti.

(5665) Ċirkulari Numru 37/2016 – Meta Kunsill Lokali jonqos milli jwettaq xi funzjoni u spejjeż li jitnaqqsu mill-allokazzjoni finanzjarja.

(5666) Ċirkulari Numru 38/2016 – Fondi Pubbliċi minfuqa għal finanzjament ta' Għaqdiet.

(5667) PQ 28352 dwar toroq rurarli li se jsiru minn Kunsilli Lokali b'fondi Ewropej.

(5668) PQ 28483 dwar in-nefqa ta' kull Kunsill Lokali għal tindif ta' bajjiet u xtut.

(5669) Email mid-DLG dwar Sezzjoni Taħriġ dwar Ordnijiet Permanenti f'Għawdex.

(5670) Ċirkulari Numru 39/2016 – Seminar dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja għas-Sena 2017.

(5671) Ċirkulari Numru 40/2016 – Kodiċi ta' Etika.

(5672) Ċirkulari minn LCA 60/2016 – Facebook Page LCA.

(5673) Ċirkulari minn LCA 53/2016 – Informazzjoni dwar Bye-Laws Pendenti (Reminder)

(5674) Email minn DLG dwar Invit għal Final Conference and EloGE Awards.

(5675) PQ 28570 dwar rendikonti tar-Reġjuni.

(5676) Email mid-DLG rigward Performance appraisals għas-sena 2016 tas-Segretarji Eżekuttivi.

(5677) Ittra mid-DLG rigward - Cycling Tours in Egypt.

(5678) Ċirkulari minn LCA 53/2016 - Informazzjoni dwar bye-laws pendenti.

(5679) Ittra mingħand Gozo College Middle School rigward Proġett Kreattiv.

- Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li ser nieħdu sehem f'dan il-proġett fejn 209 student ser jiġu n-Nadur u Ġużepp Said ser idawwarhom f'postijiet li huma mportanti fir-raħal tagħna. Dawn ser jiġu nhar id-9 ta' Diċembru li ġej. Il-Viċi-Sindku talab biex naraw jekk xi ħadd bħal Ruben Curmi jew Fabian Buttiġieġ jistgħux jirranġaw it-tabelli tal-pjanti botaniċi li hemm fil-ġnien ta' Kenuna.

(5680) Ċirkulari Numru 58/2016 – Konsultazzjoni dwar id-dokument 'Prevenzjoni tal-Kriminalita'- Ħarsien Aħjar għall-Komunita'.

(5681) Ċirkulari Numru 42/2016- Inizjattiva ta' Taħriġ dwar il-proċess ta' akkwist (procurement).

(5682) Ċirkulari Numru 41/2016 - Rimunerazzjoni tal-Kenniesa tat-Toroq f'Kuntratti ma' Kunsilli Lokali.

(5683) Ittra mingħand Dun Salv Grima rigward il-Halloween.

## 5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

Is-Sindku nnota xi pagamenti oħrajn li jridu jiżdiedu mal-iskeda, u spjega wkoll xi pagamenti żgħar li żdiedu mal-iskeda tal-laqgħa ta' qabel. Huwa nforma lil Kunsilliera wkoll li ser joħorġu żewġ pagamenti oħra lil Road Construction u Gatt Construction. Is-Sindku spjega wkoll kif diġa rċevejna €25,000 mill-ko-finanzjament tal-Pjazza u qed nistennew li nirċievu €40,000 oħra li bihom mal-ewwel ser jitħallas il-bilanċ mal-ARPA.

Dr. Rita Mifsud spjegat kif iltaqa' għal l-ewwel darba l-Kumitat tal-Finanzi, u kif l-Accountant spjegat lil dawk membri fih kif jinħadem il-quarterly report u s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Hija spjegat ukoll li issa l-affarijiet jidhru aktar ċari u li huwa minnu li issa qegħdin f'posizzjoni fejn hemm aktar sostenibilta u qed ngħalqu l-quarters b'surplus fil-cash

balances. Hija wkoll spjegat li kien hemm qbil li minflok noqogħdu kull darba naraw kull pagament, li dawn ikunu diġa ġew approvati mill-Kunsill sabiex isir ix-xogħol, fejn ikun hemm xi spiża partikulari li xi ħadd iħoss li għandha tiġi diskussa fid-dettall, jew anke xi pagament partikulari fejn xi ħadd ma jaqbilx miegħu, dawn għandhom imorru quddiem il-Kumitat tal-Finanzi. Is-Sindku rringrazzja lil Dr. Rita Mifsud tal-impenn tagħha wkoll f'dan il-Kumitat. Michael Camilleri spjega li minn naħa tiegħu ladarba qed jiltaqa' dan il-Kumitat u jidher li qed jiġu spjegati l-affarijiet ma isib l-ebda oġġezzjoni li anke hu japprova l-pagamenti.

L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata unanimament.

## 6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Quarterly Report – Lulju-Settembru 2016:

Hawnhekk is-Sindku informa lil Kunsilliera li dan ir-rapport ġie diskuss waqt il-Laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi u ma nstabet l-ebda problema. Huwa spjega li d-dħul f'dan il-kwart tas-sena kien ftit inqas mill-estimi pero dan l-aktar minħabba 'deferred income' li jidħol fir-rapport annwali. L-infieq f'dan il-kwart kien kważi daqs l-estimi u dan jawgura tajjeb ħafna. Il-bilanċ reġa kien posittiv u dan qed ikompli jindika sostenibilta. Is-Sindku għalaq billi spjega li dan ir-rapport juri wkoll li minkejja li xi 'line items' qabżu l-estimi, oħrajn kienu ferm inqas u dawn ipattu għal xulxin skond il-prioritajiet tal-Kunsill f'dak il-kwart tas-sena. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 7. Proċess ta' Reklutaġġ għal Skrivan fi Skala 15.

Is-Sindku spjega kif kulħadd kien avżat li l-iskrivana li kellna ddeċidiet li fl-istess ġurnata, l-ewwel tinfurmana li applikat għal post ta' Skrivana mal-Kunsill ta' Għajnsielem, u mbagħad li ġiet magħżula. Dan kollu seħħ fit-28 t'Ottubru, proprju meta għalaq il-kuntratt tal-istess skrivana, liema kuntratt kien ser jiġi mġedded awtomatikament għax ma kellna l-ebda problema b'din l-impjegata. Is-Sindku spjega wkoll li s-Segretarja kienet fid-dmir li tibda l-proċess għar-reklutaġġ u wara approvazzjoni mid-Dipartiment, beda l-ewwel proċess intern fejn ma applika ħadd. Imbagħad beda t-tieni proċess u qed nilqgħu CVs minn dawk ta' Part 1 li jirreġistraw mal-ETC. Is-Sindku ppropona li jitwaqqaf Bord tal-Għażla magħmul minn tlett persuni sabiex jagħmel l-interviews u jgħaddi r-riżultati lil Kunsill Lokali għall-approvazzjoni finali. Is-Sindku ppropona wkoll sistema ta' punti li tirrifletti dik li tintuża għal għażla ta' Segretarju Eżekuttiv. Din ġiet diskussa u emendata.

Hawnhekk, Dr. Rita Mifsud spjegat li hija kienet pparteċipat fl-evalwazzjoni tal-ex skrivana u temmen li kien hemm il-vantaġġi li wieħed ikun parti mill-għażla. Pero, hija kompliet li llum l-

ġurnata ma tħossiex komda li tkun parti mill-Bord tal-għażla u dan għax jista' jagħti l-każ li jkun hemm applikanti li tkun tafhom sew, u allura tippreferi evalwazzjoni minn persuni indipendenti u jagħmlu xogħolom mingħajr pressjoni. Il-Viċi Sinku wkoll qal li qatt ma kienet faċli meta pparteċipa f'bord ta' għażla ta' dan it-tip u ma jixtieqx ikun parti mill-Bord. Michael Camilleri qabel li jkun hemm persuni esterni fil-bord. Kulħadd qabel ukoll li s-Segretarja għandha tkun fil-bord. Kien hemm qbil li l-Bord ikun kompost mis-Sur Paul Curmi bħala Chairperson, Sue-Ellen Buġeja u s-Sur Paul Galea. F'każ li xi ħadd ikun assenti jidħol is-Sur Joseph Azzopardi. Is-Sindku spjega li ser jitlob lil Bord jassessja sew l-flessibilita, commitment u disponibilta tal-kandidati.

## 8. Jum il-Kunsill 2016.

Blood Donation – Is-Sindku nforma li kien hemm erbgħin donator, u li sena oħra għandna naħsbu għal banner li teħel fil-pjazza biex tindika dan l-avveniment importanti.

Kunċert u Ġieħ in-Nadur – Is-Sindku nforma li l-kunċert kien ta' livell tajjeb minkejja attendenza li tibqa' ftit fqira. Ġieħ in-Nadur intlaqa' tajjeb ħafna u kienet okkażżjoni sabiħa.

Wirja ta' Arti – Din probabilment kienet waħda mill-aqwa attivitajiet li kellna din is-sena fejn is-Sindku fakkar fl-attendenza fenomenali li kellna, fosthom ħafna artisti, u l-Onorevoli Buontempo. Kulħadd faħħar ukoll il-ħsieb li din saret ma' artisti minn Zafferana. Is-Sindku talab li naħdmu sabiex sena oħra ntellgħu artisti minn Nadur għal esibizzjoni f'Zafferana. Il-Viċi Sindku talab biex issir tabella fil-pjazza li tindika l-esibizzjoni.

Tournament Joe Tabone – Is-Sindku spjega li dan kien suċċess ukoll, fejn ħadu sehem it-timijiet tan-Nadur, Xagħra u Oratorju tal-Under 13. Antoinette Tabone ppreżentat il-midalji u tazzi.

Ħarġa Anzjani – Is-Sindku nnota li kellna attendenza kbira ħafna, pero sfortunatament kien hemm numru minnhom li ddeċidew li ma jimxux mal-programm. Abraham Supplies ipprovda tlett hampers b'xejn għal din l-attivita.

Night Hike – Is-Sindku fakkar li dan ma sarx minħabba l-maltemp.

Quddiesa Jum il-Kunsill – Is-Sindku talab li din tibda tinżamm nhar ta' Sibt filgħaxija biex ma taħbatx mal-Maratona. Il-Viċi Sindku nnota li ma jaqbilx li quddiesa ta' Jum il-Kunsill tinżamm ma' dik tat-tfal jew avvenimenti oħra. Kien hemm qbil dwar dan.

Nadur 8K – Is-Sindku spjega li l-organizzazzjoni ta' din kienet perfetta, b'ħafna volontiera, u l-istess numru ta' ġerrejja. Huwa nforma li nġabru madwar 700ewro għal Puttinu Cares.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Sports Day – Is-Sindku spjega li din marret sew ukoll, pero pparteċipaw inqas tfal mis-soltu.

## 9. Milied 2016.

Rigward il-Kwotazzjoni għad-dwal fit-toroq tal-Milied, is-Sindku nnota li l-Bord ta' Evalwazzjoni kellu offerta waħda ta' D Illumination, li qed tiġi rrakomandata mill-istess Bord peress li hija konformi mal-ispeċifikazzjonijiet mitluba. Il-Kunsill Lokali kkonferma w approva din il-kwotazzjoni.

Is-Sindku spjega wkoll li din is-sena, il-Wirja tal-Presepji u l-Presepju Ħaj ser jiġu jnawgurati fl-istess ġurnata, nhar it-13 ta' Diċembru fis-6.30pm u ser isiru f'Dar Dun Franġisk Grima.

Is-Sindku spjega li fl-aħħar ġimgħat hu u Michael Camilleri ddiskutew il-possibilita li ssir attivita ġdida għal żmien il-Milied, peress li ħafna nies qed jistaqsu biex issir xi ħaġa. Huwa ppropona attivita li fiha, flimkien mal-Għaqda Armar Triq il-Kappillan u bl-għajnuna ta' Rupert Grech, Sammy Portelli u Peter Paul Azzopardi, jinbena villaġġ zgħir tal-Milied fejn ssir Santa House, u nhar il-21 ta' Diċembru Santa Claus iqassam ir-rigali, ikun hemm ritratti uffiċjali miegħu, ikun hemm ukoll Christmas Carols, Kantanti, żfin u logħob għat-tfal. General Soft Drinks ser jisponsorjaw l-attivita bit-tined. Il-Museum tas-Subien u anke Joseph Portelli Projects ser jgħinu bit-tiżjin. Mużika ser jieħu ħsieba Bjorn Vella. Stage ser ikun provdut mill-Kultura. Il-Kunsilliera qablu li għandha ssir din l-attivita. Il-Viċi Sindku talab li Santa Claus jidħol fuq karozzin. Qamet ukoll diskussjoni dwar ir-rigali, u s-Sindku spjega li l-attivita hija kollha b'xejn pero minn iħoss li Santa Claus għandu jagħti rigal lit-tfal jista' jaħseb għal dan minn qabel.

## 10. Refuse, Bulky Refuse, u Kuntratt tar-Riċiklaġġ.

Rigward l-iskeda tal-ġbir ta' skart mid-djar, is-Sindku nforma li fil-bidu kien hemm xi tgergir u nfatti bdilna l-iskeda, pero issa jidher li l-maġġoranza sew draw is-sistema u anke naqas l-abbuż. Hemm xi postijiet li qed nittekiljaw bit-tabelli u bil-warden.

Rigward il-bulky refuse u open skips, is-Sindku spjega kif ma kellna problemi ta' xejn minn meta waqqafna l-open skips, u kellna persuna li kienet għassa u anke l-preżenza tal-warden. Bulky refuse żdied pero mhux daqs kemm ħsibna. Is-Sindku ser jara li l-warden ikun preżenti ħdejn recycling skips tal-iskola u postijiet oħra.

Rigward il-kuntratt tar-riċiklaġġ, is-Sindku spjega li dan ser jagħlaq f'Diċembru u allura qed niġbru proposti mingħand Green Mt u Green Pak sabiex jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

## 11. Van għax-xogħolijiet tal-Kunsill Lokali.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Is-Sindku spjega li wasal iż-żmien li se jkollna naħsbu għal vettura li tkun tal-Kunsill biex tintuża għax-xogħol ta' kuljum u dan peress li ma għandna l-ebda garanzija li l-van tal-ħaddiema ser tibqa' disponibbli. Il-Kunsill qabel li nġibu kwotazzjonijiet u niddiskutu xl-aħjar li jiġri jekk hux kiri jew xiri ta' van.

## 12. Materji Oħra.

i. ***Bus Shelter Pjazza –*** Is-Sindku ppropona li fix-xhur li ġejjin għandna naħsbu għal disinn oriġinali sabiex issir bus shelter tal-injam fil-pjazza. Il-Kunsill qabel li nesploraw din il-possibilita u anke li ssir bil-fondi tal-UIF.

ii. ***Rikonoxximent Librara –*** Is-Sindku spjega li nhar is-Sibt, 26 ta' Novembru, ser issir attivita fil-Librerija, fejn ser jiġu mistiedna t-tfal tal-Year 3, u jingħata rikonoxximent lil Librara tal-ħidma tagħha, u anke jingħata ktieb lit-tfal kollha. Il-Kunsilliera qablu.

iii. ***Bankijiet tal-Pjazza*** – Is-Sindku spjega li hemm bżonn żewġ bankijiet ġodda u huwa ppropona li dawn jintalbu bħala sponsor mill-kumpaniji li se jitfgħu l-interess għall-kuntratt tar-riċiklaġġ. Il-Kunsilliera qablu.

iv. ***Halloween u Shelter –*** Is-Sindku spjega li Halloween reġa attira ħafna nies, pero ovvjament reġa kellna l-maltemp. Huwa qal li rigward Trick or Treat, żgur li l-Kunsill ma hu ser qatt jobbliga lil ħadd sabiex jiftaħ il-bibien tad-djar, u ssuġġerixxa li sena oħra lanqas biss tissemma' fir-reklamar. Il-kunsillera qablu. Is-Sindku kompla li fil-halloween saru xi ħsarat fis-shelter u dawn b'vandaliżmu. Għaldaqstant qatt ma hu ser jerġa jinfetaħ jekk mhux b'persuna għassa miegħu.

v. ***Ambaxxatur Żgħażagħ –*** Is-Sindku staqsa jekk għandniex noħorgu s-sejħa jew inkella nipproponu ismijiet fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsilliera kollha qablu li nipproponu ismijiet fil-laqgħa li jmiss u ngħażlu.

vi. ***Hampers Milied –*** Is-Sindku fakkar li rridu naħsbu għal hampers għal volontiera u nies li jgħinu lil Kunsill matul is-sena, bħala turija ta' grazzi tal-ħidma tagħhom. Il-Kunsilliera qablu li dawn jinxtraw mingħand Abraham Supplies.

vii. ***Art fi Triq Binġemma –*** Is-Sindku fakkar li l-art devoluta lil Kunsill fi Triq Binġemma qed tispiċċa miżbla. Il-Kunsilliera qablu li nġibu stima għax-xogħol biex jinbena ħajt madwar l-art.

viii. ***Duru u Triq Plier –*** Is-Sindku spjega li saret talba lil Customer Care sabiex il-gvern jagħmel il-bankina mal-bini l-ġdid u mbagħad wara aħna nagħmlu l-patching li hemm bżonn.

ix. **Żjara President** - Is-Sindku fakkar li l-E.T. President ta' Malta ser tkun fin-Nadur fl-20 ta' Novembru, fejn ser tibda billi żżur il-wirja tal-Kunsill Lokali, imbagħad tiltaqa' mal-Kumitati tal-Futbol, Triq Diċembru 13, u tas-Soċjeta Filarmonika Mnarja.

x. **Tiġdid tal-Leave tas-Segretarja Eżekuttiva –** Is-Sindku talab lill-Kunsill sabiex iġedded il-Leave tas-Segretarja u dan għalhiex ma tistax tieħu ebda leave fin-nuqqas ta' ħaddiema oħra klerikali. Il-Kunsill approva din it-talba.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**xi. Time-Off ex-Skrivana** – Is-Sindku spjega li meta mpjegajna lis-Segretarja, sar staff meeting u kien hemm qbil li l-iskrivana tibda taħdem is-Sibtijiet u allura tpatti għal dan billi fost il-ġimgħa titlaq qabel. L-iskrivana qablet u għażlet li tibda titlaq qabel nhar ta' Ġimgħa. Fis-sajf hija ħadmet is-Sibtijiet ukoll u peress li ma telqietx qabel tiġi li fis-sajf ħadmet aktar sighat. L-ex skrivana issa qegħda titlob li għas-sigħat li ma ħadmitx nhar ta' Ġimgħa teħodhom daqs li kieku kienu leave u titħallas tagħhom. Is-Sindku talab approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex l-ex skrivana titħallas biss tat-time off tas-sajf u mhux tax-xitwa peress li l-qbil ma kienx hekk, peress li hi qatt ma applikat jew talbitom bħala leave, u peress li l-kuntratt tagħha ntemm fil-ġurnata li his stess ddeċidiet li titlaq u allura l-leave jintilef. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

**xii. Requests-**

- Double yellow line fi Triq Dun Guzepp Vella, ta' 1.5 metres, minħabba ostaklu.
- Jinġabar terrapien li hemm fi Triq Wied Binġemma.
- Jissewwa l-madum li hemm f'bankina faċċata ta' 39, Triq San Blas.
- Sement ħdejn bankina 120 fi Triq Xandriku.
- Sement quddiem sqaq fi Triq ir-Ramla.
- Rampa ma' bankina minħabba wheelchair fi Triq Papa Ljun 13.

## 13. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat fi. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 14 ta' Diċembru 2016, fis-6.00p.m.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILL LOKALI NADUR**

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva